**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 9 t'Ottubru, 2019**

**Rikors nru: 388/2008 MLF**

**Mario Tonna, u b'digriet ta' din il-Qorti tad-19 ta' Gunju 2019, l-atti gew trasfuzi fuq Dionne Tonna Trifiro u Kristel Lund Tonna, stante l-mewt tar-rikorrenti Mario Tonna**

**vs**

**Edwin Camilleri bhala direttur ghan-nom u in rapprezenta tal-kumpanija L&M Camilleri Ltd.**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Mario Tonna fejn espona bir-rispett:

Illi permezz tar-rikors tieghu datat 31 t'Ottubru, 2008 fl-atti tal-ittra ufficjali msemmija l-esponenti umilment talab lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka u thassar it-titolu ezekuttiv li nhareg wara l-ittra ufficjali numru 3648/08 u dan ghar-ragunijiet premessi brevement fl-istess

rikors u ghal dak li jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni, dan a tenur tal-artikolu 166A(5) tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi permezz tar-risposta taghha datata 12 ta' Novembru, 2008 il-mittenti fuq l-istess ittra ufficjali surreferita opponiet it-talba ghar-ragunijiet hemmhekk moghtija u talbet li din l-Onorabbli Qorti tichad ir-rikors ta' Mario Tonna u tikkonferma l-validita' tat-titolu ezekuttiv rizultanti mill-ittra ufficjali ezekuttiva bin-numru 3648/08 bl-ispejjez kollha ta' dan ir-rikors kontra r-rikorrent.

Illi permezz tad-digriet datat 21 ta' Novembru 2008 din l-Onorabbli Qorti cahdet it-talba kontenuta fir-rikors tal-esponenti u zammet ferm it-titolu ezekuttiv imsemmi u dan minghajr ma nstemghu l-partijiet.

Illi a tenur tal-Art. 166A(5) tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili tali decizjoni kellha tittiehed biss wara li l-istess rikors jigi appuntat ghas-smiegh.

Illi jirrizulta car illi l-procedura indikata fl-art. 166A ghall-kontestazzjoni tal-ittra ufficjali ezekuttiva ma gietx segwita u ghalhekk ukoll jezistu l-estremi kollha sabiex id-digriet surreferit datat 21 ta' Novembru, 2008 jigi revokat 'contrario imperio' filwaqt illi l-imsemmi rikors jigi appuntat ghas-smiegh qabel tinghata d-decizjoni relattiva fuq l-istess.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet taghha datat 21 ta' Novembru, 2008, filwaqt illi tappunta r-rikors tal-esponenti datat 21 t'Ottubru, 2008 ghas-smiegh tal-provi tal-partijiet a tenur tal-art. 166A(5) tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta datata l-10 ta' Gunju tas-sena 2009, li permezz taghha ghar-ragunijiet hemm espressi laqghet it-talba tar-rikorrenti u rrevokat *contrario imperio* d-digriet taghha tal-21 ta' Novembru 2008 fuq indikat, u iddikjarat li n-notifika tal-ittra ufficjali in kwistjoni ma saritx skond il-ligi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell datata l-11 ta' Dicembru 2009 li permezz taghha ghar-ragunijiet hemm esposti, ordnat ir-revoka tas-sentenza fuq riferita u rrinvjat l-atti lill-ewwel qorti ghad-decizjoni skont il-ligi.

Rat il-verbal fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2010 fejn *"Il-partijiet infurmaw il-Qorti saret konfuzjoni enormi fil-procedura u ghaldaqstant jitolbu illi l-atti rilevanti jkunu r-rikors promotur datat 2 ta' Dicembru 2008 li ghalih l-intimat jitlob zmien biex jirregistra risposta ghall-istess zmien li tirrizulta mill-process li dahlet fi process zbaljat."*[1]

Rat in-nota tas-socjeta intimata datata s-17 ta' Novembru 2010, li permezz taghha annettiet kopja tar-risposta ghar-rikors promotur li kienet giet ipprezentata fl-atti originarjament nhar it-18 ta' Frar 2009, u li bi zvista tar-Registru tal-Qorti giet prezentata fl-atti ta' rikors iehor fl-istess ismijiet bin-numru 59/2009.[2]

Rat din ir-risposta tas-socjeta intimata ghar-rikors promotur, fejn eccepiet is-segwenti:

1. Illi fl-ewwel lok jigi eccepit ir-*res judicata* tal-mertu ta' dan ir-rikors stante li d-digriet datat 21 ta' Novembru 2008, ma giex appellat u llum huwa *res judicata* bejn il-partijiet u ghaldaqstant legalment ma jistax jigi revokat *"contrario imperio"* kif qed jitlob Mario Tonna.
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba tar-rikorrent ghandha tigi michuda stante li ma jezisti l-ebda rikors datat 21 t'Ottubru, 2008, kif elenkat fit-talba tar-rikorrent;
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, is-socjeta esponenti taghmel referenza ghar-risposta originali taghha ghar-rikors datat 31 ta' Ottubru, 2008 u zzomm fermi l-eccezzjonijiet taghha u talbet lil din il-qorti tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kollha kontra tieghu.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti, diversament preseduta, datata d-19 ta' April 2011, li permezz taghha ghar-ragunijiet hemm espressi laqghet ir-risposta tal-intimat nomine fl-interezza taghha u irrispengiet it-talbiet tar-rikorrenti Tonna.

---

[1] Ara fol. 124 tal-process.
[2] Ara fol. 125 *et seq.* tal-process.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell datata d-29 ta' Marzu 2012, li permezz taghha ghar-ragunijiet hemm esposti, hassret u rrevokat id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 19 ta' April 2011 ghaliex hija nulla u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u rrinvjat l-atti lill-ewwel qorti sabiex jigi trattat u deciz il-mertu tar-rikors promotorju, fid-dawl tar-risposta sollevata mill-intimat appellat, b'dan li l-kaz jigi finalment deciz skont il-ligi.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tas-17 ta' Novembru 2014 fejn laqghet l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta intimata u iddikjarat li l-provvediment moghti fil-21 ta' Novembru 2008 minn din il-Qorti huwa llum res judicata bejn il-partijiet, u konsegwentement cahdet it-talbiet fir-rikors promotur tar-rikorrent.

Rat is-sentenza tas-27 ta' Jannar 2016 li permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, il-Qorti tal-Appell hassret id-decizjoni ta' din il-Qorti datata 17 ta' Novembru 2014 u rrinvjat l-atti ta' din il-kawza lura quddiem din il-Qorti ghal kontinwazzjoni.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet u semghet it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Rat is-sentenza taghha tal-20 ta' Frar 2019, fejn ghar-ragunijiet fiha premessi, din il-Qorti:

1. cahdet it-tieni eccezzjoni tas-socjeta intimata;
2. f'dak l-istadju, astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tielet eccezzjoni tas-socjeta intimata;
3. laqghet it-talba tar-rikorrent, u irrevokat *contrario* imperio d-digriet taghha tal-21 ta' Novembru 2008, u
4. appuntat r-rikors tar-rikorrent tal-31 ta' Ottubru 2008 ghas-smiegh ai termini tal-Artikolu 166A(5) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-seduta tat-13 ta' Marzu 2019 fl-10.30 am.

Din il-Qorti irrizervat li tipprovdi dwar il-hlas tal-ispejjez ghal dawk il-proceduri fis-sentenza finali.

Rat li fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2019, l-avukati difesnuri tal-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx trattazzjoni ulterjuri x'jaghmlu u r-rikors jista' jithalla ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal din is-saga ta' proceduri huma s-segwenti:

1. Fil-31 ta' Ottubru 2008 ir-rikorrent odjernipprezenta rikors fejn talab ir-revoka tal-Ittra Ufficcjali 2648/08 mahruga kontra tieghu mis-socjeta intimata taht l-Artikolu 166A tal-Kodici ta' Procedura Civili, ghaliex tali notifika ma kienitx valida. Saret risposta mis-socjeta intimata odjerna u inghata digriet datat 21 ta' Novembru 2008 in kamera.

2. Fir-rikors odjern datat 2 ta' Dicembru 2008, ir-rikorrent talab ir-revoka tad-digriet tal-21 ta' Novembru 2008 ghaliex ir-rikors tal-31 t'Ottubru ma giex appuntat ghas-smiegh, liema talba giet milqugha bis-sentenza ta' din il-Qorti tat-20 ta' Frar 2019.

3. Ghalhekk f'din is-sentenza l-Qorti trid tikkunsidra u tiddeciedi t-talba tar-rikorrent fir-rikors tieghu tat-31 ta' Ottubru 2008[3] fejn talab ir-revoka tal-Ittra Ufficjali 2648/08 mahruga kontra tieghu mis-socjeta intimata taht l-Artikolu 166A tal-Kodici ta' Procedura Civili.

4. Fir-rikors tieghu tal-31 ta' Ottubru 2008, ir-rikorrent ippremetta illi l-ittra ufficjali in kwistjoni giet indirizzata lilu, pero intbaghtet fl-indirizz ta' ibnu Marcus Tonna, li joqghod 31, Flat 5, Triq Sir Adrian Dingli, sliema, u fil-fatt minn indagni sussegwenti irrizulta li rcevietha l-mara ta' Marcus Tonna. Fil-fatt din l-ittra ufficcjali ma naghatatx lir-rikorrent f'terminu utli sabiex issir risposta. Ghalhekk, ir-rikorrent qed jissottometti illi huwa ma giex notifikat bl-ittra ufficcjali in kwistjoni.

[3] Ara fol. 6 tal-process.

5. Inoltre, fl-istess rikors, ir-rikorrenti jissottometti li t-talba tal-intimat hi infondata fil-fatt u fid-dritt billi ma hijiex dovuta, hija preskritta u bla pregudizzju ghal dan ghaliex l-ammont pretiz m'huwiex gustifikat.

6. In succinct, fir-risposta taghha tat-12 ta' Novembru 2008,[4] is-socjeta intimata eccepiet:

(i) Illi in-notifika ta' Mario Tonna saret fl-indirizz moghti minnu stess f'att gudizzjarju notifikat lil Edwin Camilleri mill-istess Mario Tonna ftit gimghat biss qabel. Iz-zewg ittri ufficjali jaghmlu riferenza ghall-istess zewg propjetajiet u ghalhekk ma jezisti l-ebda dubbju li l-Mario Tonna fiz-zewg ittri huwa l-istess wiehed;

(ii) Edwin Camilleri jaf lil Mario Tonna b'mod informali u jikkonferma li hu stess jaf personalment li Mario Tonna joqghod fl-indirizz indikat, cioe 31, Flat 5, Triq Sir Adrian Dingli, Sliema. Pero l-istess Edwin Camilleri jghid ukoll li Mario Tonna jista' jkun li ghandu proprjetajiet ohra f'ismu, stante li part mill-business tal-istess Mario Tonna huwa x-xiri u l-bejgh ta' proprjeta;

(iii) Illi in vista li l-esponent mexa ma' l-informazzjoni dikjarata u moghtija mill-istess Mario Tonna sahansitra f'att gudizzjarju, liema informazzjoni hija wkoll konfermata md-dokumenti esebiti, in-notifika kienet valida fit-termina tal-ligi u l-esponent jikkontendi li r-rikorrent ma jistax f'att gudizzjarju jiddikjara mod u mbaghad jichad dak li ddikjara huwa stess f'att gudizzjarju iehor.

(iv) Minghajr pregudizzju, l-istess rikorrent jammetti li skond hu r-residenza fejn saret in-notifika hija ta' ibnu u ghalhekk jirrizulta li huwa inverosimili hafna li ghal tletin gurnata shah ibnu ma infurmahx li ircieva att gudizzjarju, li jkun registrat.

(v) Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Artikolu 166A sub-artikoli 5 u 6 tal-Kapitolu 12 jsemmu zewg cirkostanzi biss li fuqhom jista' jsir r-rikors ittentat minn Mario Tonna, u l-allegazzjonijiet kontenuti fir-raba' paragrafu tar-rikors promotorju ma jaqghux fil-limiti tal-istess sub-artikolu.

---

[4] Ara fol. 8-9 tal-process.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Fir-risposta taghha ghar-rikors promotur ghall-proceduri odjerni, is-socjeta intimata ressqet tlett eccezzjonijiet. L-ewwel eccezzjoni giet deciza b'mod definittiv mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tas-27 ta' Jannar 2016, it-tieni eccezzjoni giet michuda bis-sentenza ta' din il-Qorti tal-20 ta' Frar 2019, u ghalhekk ghad fadal li tigi trattata u deciza biss it-tielet eccezzjoni.

Fit-tielet eccezzjoni taghha, is-socjeta intimata taghmel riferenza ghar-risposta originali taghha ghar-rikors tal-31 ta' Ottubru 2008, u zzomm fermi l-eccezzjonijiet taghha.

It-talba tar-rikorrent fir-rikors tieghu tal-31 ta' Ottubru 2008 hija msejsa fuq l-artikolu 166A(5) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, liema artikolu jipprovdi hekk:

*"(5) Titolu eżekuttiv li jinkiseb skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dejjem jekk ma jkunx hemm oppożizzjoni min-naħa tad-debitur, għandu jiġi rexiss u ddikjarat null u bla ebda effett jekk meta ssir talba permezz ta' rikors fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skont il-każ, li tiġi ppreżentata mid-debitur fi żmien għoxrin ġurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat eżekuttiv jew xi att ġudizzjarju ieħor imsejjes fuq dak it-titolu, il-qorti tkun sodisfatta:*
*(i) li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra uffiċjali għaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew*
*(ii) li l-ittra uffiċjali ma kienx fiha l-ħtiġijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3):*
*B'dan illi dan ir-rikors għandu jiġu appuntat għas-smigħ fi żmien ġimgħatejn.*

Ir-rikorrenti jsostni illi n-notifika ta' l-Ittra Ufficjali 3648/08 ma kienitx valida stante li l-persuna li rceviet din l-Ittra Ufficjali ma kenitx ir-rikorrenti u dan kif konfermat mill-espert kaligrafu Joseph Mallia mahtur minn din il-Qorti fl-atti ta' dawn il-proceduri.[5] Dan l-espert ikkonkluda li ghar-ragunijiet li hu spjega fir-relazzjoni tieghu, il-firma li tinsab fuq il-*Pink Card* ma taqbilx mal-firma tar-rikorrenti u ghalhekk ma gietx miktuba minnu.

Dan il-fatt wahdu pero' ma jfissirx li r-rikorrenti ma giex debitament u regolarment notifikat b'din l-Ittra Ufficjali. Fiz-zmien in kwistjoni u cioe' qabel ma gie emendat bl-Att IV ta' l-

[5] Ara r-relazzjoni tal-espert kaigrafu Joseph Mallia a fol 38 tal-process.

2016, l-Artikolu 187(1) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili kien jaqra' hekk "*In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata, jew billi dik il-kopja titħalla f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f 'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f 'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha, fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali tagħha.*"

Ghalhekk sabiex perusna tkun validament notifikata bil-procedura kif kontemplata fl-Artikolu 187, in-notifika m'ghandhiex necessarjament issir f'idejn dik il-persuna izda tista' tithalla ma' membru tal-familja, membru tad-dar, prokuratur jew persuna fis-servizz taghha, jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta, mhux biss fl-indirizz registrat izda anke fejn toqghod jew fuq il-post tax-xoghol.

Il-Qorti fliet sewwa l-atti kollha li jifformaw dawn il-proceduri minn fejn jirrizulta illi bhala prova oggettiva u mhux opposta, il-firma fuq il-*Pink Card* m'hijiex tar-rikorrenti. Oltre dan, ir-rikorrenti ikkonferma bil-gurament tieghu illi huwa qatt ma kien ircieva din l-ittra u li kien sar jaf biha meta gie nfurmat mill-Bank li kien inhareg mandat fil-konfront tieghu. Ir-rikorrenti ikkonferma ukoll illi huwa ma kienx joqghod fl-indirizz indikat fl-istess ittra ufficjali, izda f'indirizz iehor (165/6 Tower Road Sliema).[6] Fir-rikors tal-31 ta' Ottubru 2008, ir-rikorrenti jghid illi minn indagini sussegwenti rrizultalu li l-persuna li kienet effettivament irceviet l-ittra ufficjali kienet il-mara ta' ibnu Marcus Tonna.[7]

Minn naha l-ohra, meta xehed f'dawn il-proceduri d-direttur tas-socjeta intimata Edwin Camilleri qal hekk: "*Mistoqsi fejn effettivament joqghod Mario Tonna nghid illi jiena cert minn dan, naf li joqghod Tower Road Sliema. Jien immur nimxi kuljum filghodu fil-hamsa ta' filghodu u l-vettura ta' Mario Tonna tkun ipparkjata quddiem id-dar tieghu Tower Road*".

Pero s-socjeta intimata qed tissottometti li n-notifika hija valida ghaliex kif jirrizulta mill-provi, f'att gudizzjarju iehor pprezentat mir-rikorrenti stess xahrejn qabel ma giet ipprezentata l-Ittra Ufficjali in kwistjoni,[8] bhala indirizz tieghu ir-rikorrenti kien indika l-

[6] Ara x-xhieda ta' Mario Tonna a fol 24 tal-process.
[7] Ara r-rikors ta' Mario Tonna tal-31 ta' Ottubru 2008 a fol 6 tal-process
[8] Ara Dok LM1 a fol 10 tal-process.

istess indirizz utilizzat mis-socjeta intimata ai finijiet ta' notifika (31, Fl5, Triq Sir Adrian Dingli, Sliema).

Fis-sentenza **Joseph Cassar Aveta vs Citadel Insurance plc** deciza mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[9] fit-28 ta' Marzu 2007 inghad illi:

*A prima vista l-imsemmi artikolu* (Artikolu 187(1) tal-Kapitolu 12) *donnu jipprovdi successjoni preferenzjali tal-postijiet fejn ghandha ssir innotifika. Hekk una volta n-notifika ma tkunx thalliet personalment f'idejn il-persuna notifikanda din ghandha tigi ezegwita "fil-lok fejn toqghod jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali". Din l-alternattiva provvduta mil-ligi tirrendi indifferenti il-mod tan-notifika. L-importanti hu li n-notifika ssir lil persuna destinatarja f'xi wiehed mill-imsemmija lokalitajiet. Jekk imbaghad il-persuna notifikanda ma tkunx tinstab prezenti f'xi wiehed minnhom, il-pustier jew l-ufficjal inkarigat tal-Qorti jista' jikkonsenja l-kopja ta' l-att lil persuna ohra skond kif stabbilit fid-dispost tal-ligi, jigifieri, "f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f' idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f' idejn il-prokuratur taghha jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha.""*

Ghaldaqstant kuntrarjament ghal dak li qed jissottometti r-rikorrent mhux mehtieg ghal validita tan-notifika li din tigi ezegwita fir-residenza tieghu, kif donnu qed jippretendi fis-sottomissjonijiet tieghu. In-notifika hija wkoll valida jekk din issir fil-post tax-xoghol tieghu jew fl-indirizz postali tieghu.

Issa fil-kaz odjern, mhux kontestat li n-notifika ma saritx fil-post ta' residenza tar-rikorrent, fi Triq it-Torri, Road tas-Sliema, imma saret fl-indirizz li r-rikorrent stess kien nizzel bhala l-indirizz tieghu (fi Triq Dingli, Sliema) f'ittra ufficjali li hu kien baghat xaharejn qabel lil Edwin Camilleri personali dwar l-istess zewg proprjetajiet mertu tal-ittra ufficjali ezekuttiva in kwistjoni.

L-Artikolu 174(2) tal-Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili jippreskrivi *inter alia "Kull skrittura jew att ieħor li għandhom jiġu notifikati, għandu jkollhom magħhom: … …*

---

[9] *Per* Imhallef Philip Sciberras

*(ċ) indikazzjoni xierqa u sħiħa tal-post ta' residenza jew tan-negozju tal-parti li qed tagħmel it-talba … …"*

Din il-Qorti m'ghandhix l-icken dubbju li meta l-legislatur esiga li bhala rekwizit min jibghat att gudizzjarju ghandu *inter alia* jindika b'mod car il-post tar-residenza tieghu jew tan-negozju tieghu, l-intenzjoni tieghu kienet li min jircievi dak l-att gudizzjarju ikollu d-dettalji kollha necessarji, inkluz l-indirizz tal-mittent, biex min jircievi dak l-att gudizzjarju ikun jaf fejn ghandu jinnotifika lill-mittent bir-risposta tieghu. Ovvjament il-mittent jista' jbiddel l-indirizz tar-residenza/ tax-xoghol/ jew dak postali tieghu li jkun indika fl-att gudizzjarju tieghu, pero jekk jaghmel dan, jinkombi fuqu li jipprova li kien hemm raguni valida, ghaliex biddel tali indirizz.

Kull argument kuntrarju, iwassal biss ghal abbuz tas-sistema gudizzjarja, fejn mittent jindika indirizz partikolari bhala l-indirizz tieghu fl-att gudizzjarju, u meta jircievi att gudizzjarju b'risposta jew mod iehor f'dak l-indirizz mibghut mill-persuna li tkun irceviet l-att gudizzjarju tieghu, jeccepixxi n-nullita tan-notifika ghaliex jallega li l-indirizz indikat minnu stess ma kienx wiehed mill-indirizzi fejn legalment setghet issir notifika lilu.

Fil-kaz odjern kien ir-rikorrent stess li fl-ittra ufficjali tieghu tat-2 ta' Lulju 2008 lil Edwin Camilleri, direttur tas-socjeta intimata indika bhala l-indirizz tieghu "31, Fl 5, Triq Sir Adrian Dingli, Sliema". Dan il-fatt juri l-volonta inekwivoka tar-rikorrent li ried li l-posta jew atti gudizzjarji jintbaghtu lilu f'dak l-indirizz, minkejja li dan l-indirizz ma kienx l-indirizz tar-residenza tieghu. Dan il-fatt certament jaqa' fid-definizzjoni ta' "indirizz postali" ai termini tal-Artikolu 187(1) tal-Kodici ta' Procedura Civili. F'dawn il-proceduri, ir-rikorrenti lanqas biss ittenta jaghti spjegazzjoni ghaliex fl-ittra ufficjali tieghu huwa indika dan l-indirizz u mhux l-indirizz tar-residenza tieghu.

Effettivament, fit-2 ta' Settembru 2008 – xaharejn biss wara – Edwin Camilleri bhala direttur tas-socjeta intimata baghat lir-rikorrent ittra ufficjali fl-istess indirizz indikat mir-rikorrent fl-ittra ufficjali tieghu tat-2 ta' Lulju 2008. Huwa vera li Edwin Camilleri ammetta li kien jaf li r-rikorrent ma joqghodx f'dan l-indirizz, pero ladarba kien ir-rikorrent stess li indika l-indirizz fi Triq Dingli, Sliema, fl-ittra ufficjali tieghu tat-2 ta' Lulju 2008, ir-rikorrent ta' l-kunsens inekwivoku tieghu sabiex atti gudizzjarji jigu notifikati lilu f'dan l-indirizz. Minn dan isegwi logikament li min jirrisjedi f'din ir-residenza kellu l-awtorizzazzjoni tar-rikorrent

sabiex jircievi l-posta tieghu.  Dan pogga oneru fuq ir-rikorrent li jassigura li jigi a konoxxenza ta' dawn l-atti u l-mod li jaghmilha kienet affari tieghu. Jekk ghal xi raguni s-sistema ma tiffunzjonax, ma jistax jinheba wara skuzi opportunistici biex jahrab mir-responsabbiltajiet tieghu.

Fid-dawl tas-suespost, in-notifika in kwisjoni hija valida, ghax kif diga inghad, l-Artikolu 187(1) ma jsemmix biss l-indirizz tar-residenza imma wkoll l-indirizz postali, l-indirizz fi Triq Dingli, Sliema, huwa l-indirizz postali indikat mir-rikorrent fl-ittra ufficjali mibghuta lilu.

Fir-rikors tieghu tal-31 ta' Ottubru 2008, ir-rikorrent issottometta wkoll illi li t-talba tas-socjeta intimata hija infondata fil-fatt u fid-dritt billi ma hijiex dovuta, hija preskritta u bla pregudizzju ghal dan ghaliex l-ammont pretiz m'huwiex gustifikat.

L-Artikolu 166A(5) u (6) tal-Kodici ta' Procedura Civili jippreskrivi illi titolu ezekuttiv miksub bis-sahha tal-Artikolu 166A jista' jigi rexiss biss ghal dawn ir-ragunijiet:

1. Jekk id-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra ufficjali ghaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew
2. l-ittra ufficjali ma kienx fiha l-htigijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3) tal-Artikolu 166A.

Fl-ebda stadju ta' dawn il-proceduri, ir-rikorrent ma ghamel xi sottomissjoni biex jikkontesta l-karatteristici li l-ittra ufficjali ghandu jkollha skond l-Artikolu 166A, u din il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghaliex ghandu jkun hemm xi dubbju dwar il-validita tal-ittra ufficjali in kiwstjoni u l-ottemperanza tal-istess ittra mas-subartikoli (1), (2) u (3) tal-Artikolu 166A.

Ghaldaqstant, huwa car, anke min-nota ta' sottomissjonijiet tal-istess rikorrent u mit-trattazzjoni orali finali tal-avukat difensur tieghu, li dawn il-proceduri gew ibbazati fuq l-ewwl raguni moghtija mis-subartikolu (5), u cioe, li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra ufficjali ghaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss – liema sottomissjoni qed tigi michuda minn din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq esposti.

Fi kwalunkwe kaz, is-sottomissjoni tar-rikorrent li l-ittra ufficcjali *de quo* ghandha tigi rexissa ghax l-ammont mitlub mhux dovut, huwa preskritt u bla pregudizzju ghal dan ghaliex

l-ammont pretiz m'huwiex gustifikat, ma humiex ragunijiet ammessibbli ai termini tal-istess Artikolu 166A(5) sabiex din l-ittra ufficcjali tigi annullata.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tilqa' it-tielet eccezzjoni tas-socjeta intimata f'dawn il-proceduri, u l-eccezzjonijiet taghha fir-risposta taghha tat-12 ta' Novembru 2008, limitatament fis-sens tal-kunsiderazzjonijiet fuq esposti, u konsegwentement tichad it-talba fir-rikors tar-rikorrent Mario Tonna, awtur tar-rikorrenti odjerni, tal-31 ta' Ottubru 2008 fl-interita taghha.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mir-rikorrenti, sakemm ma giex provdut mod iehor fis-sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Appell f'dawn il-proceduri.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**